MALTA

ATT Nru. X ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb.

ACT No. X of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Food, Drugs and Drinking Water Act, 1972.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

27 ta' Marzu, 1986

ATT Nru. X ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Att XL ta' l-1972

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (b) fit-tifsira ta' "analista" għandu jidħol dan li ġej:

"(b) ħalib nej, tinkludi kull analista mqabbad fl-analisi ta' ħalib nej f'impriża għall-bejgħ ta' ħalib;"; u

(b) minflok it-tifsira ta' "ħalib nej" għandha tidħol din li ġejja:

" "ħalib nej" tfisser ħalib li ma jkunx ġie pasturizzat jew xort'oħra trattat bis-sħana skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

3. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dak il-Bord ikun magħmul mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bħala President, minn erba' membri maħtura mill-Ministru li wieħed minnhom ikun maħtur fost ir-rappreżentanti tal-konsumaturi, u minn tliet membri oħra maħtura mill-Ministru responsabbli għall-industrija.".

Emenda ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali.

4. Minflok il-paragrafu (b) ta' l-ewwel proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) meta l-proċedimenti quddiem il-Qorti jkunu dwar reat kontra xi waħda mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' dan l-Att jew kontra xi regolamenti magħmula taħt dik it-Taqsima, f'kull każ dwar ħalib nej, jew jinkludu xi reat bħal dak, l-analista jew l-analitiċi li għandhom jiġu nominati mill-Qorti jistgħu jkunu wieħed jew iżjed mill-analisti mpjegati fl-analisi tal-ħalib f'impriża tal-bejgħ tal-ħalib:".

Emenda tat-test Malti ta' l-Att prinċipali.

5. Fit-test Malti ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "analitiku" u "analitiċi" kull fejn jinstabu, għandhom jidħlu l-kliem "analista" u "analisti", rispettivament.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 334 ta' l-24 ta' Marzu, 1986.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati